MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 321/2010

**Francis Abela ezercjenti l-kummerc taht l-isem F. Abela & Sons**

**vs**

**Charles Borg**

Il-Qorti

Rat l-avviz ippresentat fl 10 ta’ Settembru 2010 fejn ir-rikorrent talab lill dina l-Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja skond il-Ligi, fl-ewwel lok tordna lill-intimat Charles Borg sabiex jirritorna lir-rikorrenti entro terminu qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn dina l-Qorti, l-ghodda kollha di propjeta’ ta’ l-istess rikorrenti illi jinsabu fil-pussess ta’ l-intimat, liema ghodda, fost affarjie tohra, jikkonsistu f’diversi gakkijiet, puntali, jigger u skaluni tat-tarag li huwa naqas milli jirritorna u

ghadhom fil-pussess tieghu minkejja li gie interpellat sabiex jaghmel dan u, fit-tieni lok, sabiex tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti d-danni kollha minnu sofferti bhala konsegwenza ta’ telf fil-valur jew hsara kawzata fl-ghodda in kwistjoni sad-data tar-ritorn efettiv lir-rikorrenti u/jew tal-fatt illi r-ritorn ta’ l-ghodda ma ghandux possibbli, kif ukoll id-danni kollha sofferti mir-rikorrenti bhala konsegwenza tat-telf ta’ uzu ta’ l-ghodda in kwistjoni, liema danni ghandhom jigu debitament likwidati minn dina l-Qorti.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat ippresentat fl-14 ta’ Dicembru 2010 fejn eccepixxa, preliminarjament, illi t-talbiet attrici huma preskritti bil-periodu preskrittiv ta’ sentenjn, a tenur ta’ l-artikolu 2153 tal-Kap 16. Fuq il-meritu, imbghad, huwa sahaq illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ghodda in kwistjoni giet ritornata zmien twil ilu hlief ghall-iskaluni, illi qatt ma gew fil-pussess tal-konvenut u, meta l-ghodda giet ritornata, ma kellhom ebda hsarat.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Francis Abela** moghtija fit 8 ta’ Frar 2012 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita dakinhar.

Semghet ix-xhieda ta’ **Stephen Abela**, iben ir-rikorrent, moghtija fit 18 ta’ Mejju 2012 u id-dokumentazzjoni minnu esebita dakinhar.

Rat l-affidavit ta’ **Rene Abela**, iben ir-rikorrent, ippresentat fit 22 ta’ Ottubru 2012.

Rat illi fit 22 ta’ Ottubru 2012 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta’ l-intimat **Charles Borg**, moghtija fl-14 ta’ Jannar 2013

Semghet ix-xhieda ta’ **Neville Gafa**, impjegat ta’ l-intimat, moghtija fit 8 ta’ Marzu 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Carmelo Sammut**, prodott mill-intimat, u li kien ghamel hafna progetti ta' zvilupp flimkien mar-rikorrent, moghtija fl-24 ta' Gunju 2013.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' **Stephen Abela** u **Rene Abela** moghtija fl-14 ta' Ottubru 2013.

Rat illi fl-14 ta' Ottubru 2013 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet moghtija fis 7 ta' Frar 2014.

## Ikkunsidrat

Il-kawza odjerna tirrigwarda principalment allegazzjonijiet maghmulha mir-rikorrent kontra l-intimat dwar ingenji mehtiega ghal kostruzzjoni, ossija 'jacks' u skaluni, illi ir-rikorrent jikkontendi li l-intimat ha minghandu meta huwa kellu access ghal-garage tar-rikorrenti u qatt ma irritornahom lura. Hemm ukoll kwistjoni relatata ma' "jigger" misluf lill-intimat u eventwalment misruq minn terzi.

Dwar l-ghodda nieqsa, skond ix-xhieda tar-rikorrent, korroborata mix-xhieda tat-tfal tieghu, l-intimat kien darba minnhom, qed jaghmel xoghlijlet f'binja vicin fejn kellu l-garage tieghu r-rikorrent. Dawna x-xogholjijet ta' kostruzzjoni kienu jirrikjedu l-utilizz ta' l-elettriku, u ir-rikorrent kien qiehged jislef l-elettriku mill-garage tieghu. F'mument minnhom, skond ir-rikorrent, peress illi r-rikorrenti ma setax jiftah il-garage lill-intimat darba minnhom, huwa ghadda ic-cavetta tal-garage lill-intimat u dana baqghu ghandu. Di fatti, tul iz-zmien, il-partijiet kienu regolarment isellfu lill-xulxin ghodda diversa.

Ir-rikorrent jikkontendi illi, mument minnhom, li ma setax jghid meta kien, huwa kien qieghed jnaddaf il-garage tieghu flimkiien mat-tfal u induna li kellu 'jacks' nieqsa kif ukoll xi skaluni li kien hemm stivati fil-garage tieghu.

Eventwalment, darba minnhom, meta marru sabiex jaghmlu xi xoghlijlet fuq lant tax-xoghol fejn kien hemm l-intimat qed jahdem, huma indunaw illi fejn kien hemm jahdem l-intimat kien hemm diversi 'jacks' illi attwalment kienu taghhom, u dawna il- 'jacks' huma gharrfuhom ghax kienu mizbugha bl-ahdar.

Ir-rikorrent jaghmel ukoll referenza ghal kwistjoni illi darba kienet inqalghet meta ir-rikorrent kien sellef lill-intimat jigger illi kien insteraqlu waqt fil-pussess ta' l-intimat. Ir-rikorrent jallega illi, meta l-intimat gharrfu li kien insteraqlu l-jigger, l-intimat kien qallu li kien ser jixtrilu iehor izda, peress li ma kellux flus bizejjed, kien xtralu 'jigger' orhos bil-patt li kien ser jixtrilu wiehed ahjar aktar tard. Ghalkemm l-intimat xtralu 'jigger' orhos minn dak li kellu, dana spicca qatt ma xtralu wiehed ta' l-istess tip ta' l-iehor li kien insteraq.

**Ikkunsidrat**

L-intimat, mill-banda l-ohra, jaghti stampa totalment differenti minn dik imressqa mir-rikorrent. Di fatti, huwa jistaqrr illi l-partijiet kienu hbieb u kienu ilhom hbieb ghal madwar hmistax-il sena meta l-intimat kien partat garage ma' crane illi kellu r-rikorrent. Wara tali skambju, il-partijiet baqghu jahdmu flimkien fis-sens illi jissellfu l-ghodda bejniethom meta jkollhom bzonn.

L-intimat jistqarr illi kien hemm okkazzjonijiet fejn huwa ssellef xi 'jacks' minghand ir-rikorrent, madwar hames snin ilu, sabiex jaghmel xi xoghljliet, liema 'jacks' eventwalment huwa radd lura lir-rikorrent.

Dwar access ghall-garage, kif allegat mir-rikrorent, l-itnimat jishaq illi huwa qatt ma kellu access ghall-garage tar-rikorrent, kif jikkontendi lp-istess rikorrent, peress illi ma kien minnu xejn li kellu bzonn il-garage sabiex jiehu l-elettriku minghand ir-rikorrent ghax-xoghol tal-bini li kien qieghed jaghmel.

Di fatti, l-intimat itella bhala xhud lill Carmelo Sammut, illi kien jahdem f'diversi progetti bi shab mar-rikorrent u li kien is-sid tal-progett illi kien qed isir vicin il-propjeta tar-rikorrent. Sammut jistqarr illi meta sar tali progett, li kien bejn is-snin 1999 u 2001, huwa kien qed jaghmel uzu minn elettriku moghti lilu minn persuna li toqghod fil-vicin, li ma kienetx ir-rikorrent, u ghalhekk ma kien hemm ebda htiega illi l-intimat igib l-elettriku mill-garage tar-rikorrent li kien vicin. Sammut ikkonferma illi il-partijeit kienu hbieb u kien hemm hafna okkazzjonijiet fejn ir-rikorrent qabbad lill-intimat jaghmillu xi xoghlijlet f'xi progetti fejn Sammut u r-rikorrent kienu shab.

Dwar tali hbiberija bejn il-partjiet, xehed ukoll impjegat ta' l-intimat, Neville Gafa, illi kkonferma li l-partijiet kienu jsellfu lill-xulxin ghodda varja u kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn ir-rikorrent kien jghaddi beix jigbor xi ghodda minghand l-intimat jew l-intimat radd lura xi ghodda li kien issellef minghand ir-rikorrent.

Mument minnhom, jistqarr l-intimat, ir-rikorrent kien avvicinah u qallu illi kien ra xi 'jacks' fil-pusses ta' l-intimat izda kienu tar-rikorrent, u talabhomlu lura. L-intimat mal-ewwel cahad illi dawna kienu tieghu u sahaq li kien attwalment tieghu.

Fuq il-kwistjoni relatata mal-jigger li kien misruq, l-intimat jikkontendi li meta kien insteraqlu l-jigger, huwa gharraf lir-rikrorent dwar dan, u huma t-tnejn flimkien marru sabiex jixtru jigger gdid,  liema fatt kien ikkorroborat anke mix-xhieda tat-tfal tar-rikorrenti. Dwar dana il-jigger, l-intimat jafferma li, wara li inxtara, inghata lir-rikorrent minghajr ebda problemi. Huwa jikkontendi illi r-rikorrent kien sodisfatt bil-jigger li kien inxtralu u ma kien hemm ftehim li kien ser jixtrilu wiehed aktar b'sahhtu u ghali, kif jikkontendi ir-rikorrent. Tali fatti huwa anke ikkorroborat mix-xhieda ta' l-impjegat tieghu, Gafa', li kien jaf dwar dak li kien gara.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti, rinfacjata b'tali provi, ma tistax ma tosservax, l-ewwel u qabel kollox, illi hija rinfaccjata b'zewgt verzjonijiet konfluggenti, kemm dwar l-ghodda allegatament mehudha mir-rikorrenti u l-jigger li nxtara lir-rikrorent wara li kien insteraq lill-intimat.

Ir-rikorrent, tul ix-xhieda mressqa minnu, kemm tieghu personalment, kif ukoll tat-tfal tieghu, jaghti x'jifhem illi l-intimat ha l-oggetti minghand ir-rikorrent meta huwa kellu access ghall-garage tieghu. Dana kien, allegatament, meta l-intimat kien qieghed jahdem fil-korp ta' bini adjacenti ghall-garage. Madanakollu, minn xhieda ta' l-intimat u, aktar u aktar, tas-sid tal-blokk li kien qed jinbena, ma jidhirx illi huwa minnu li l-intimat kellu bzonn access ghall-garage sabiex jaghmel ix-xoghlijliet. Di fatti, ir-rikorrent jghid li kien ta access ghal garage sabiex jaghti dawl lill-intimat filwaqt illi sid il-blokka li kienet qed tigi zviluppata, Carmelo Sammut, illi kien jahdem ukoll bi shab mar-rikrorenti f'progetti ohra, sahaq illi qatt ma ha elettriku minghand ir-rikorrent.

Rinfaccjata minn tali kunflitt fl-evidenza, ix-xhieda ta' Carmelo Sammut, sid tal-blokka tal-bini, tiehu importanza ferm aktar oghla peress illi hija xhieda ta' persuna independenti mill-kwistjonijiet illi hemm bejn il-partijiet. Ix-xhieda tieghu hija importanti wkoll ghax kienet l-unika persuna illi setghet titfa dawl fuq il-periodu tas-snin illi dwaru qed isir l-kawza odjerna. Dana qieghed jinghad ghax Sammut ikkonferma li l-progett li ghamel l-intimat u li madwaru jidher li giet msejsa l-azzjoni tar-rikorrent ibbazata fuq l-access illi l-intimat kellu ghall-garage tar-rikorrent, sar bejn is-snin 1999 u 200.

Il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnutax illi, filwaqt li ma ngiebet ebda prova dwar l-iskaluni illi allegament ittiehdu mill-intimat, il-'jacks' li allegatament ittiehdu mill-intimat, gew maghrufa mit-tfal tar-rikorrent peress illi huma mixbugha bl-ahdar, kif kienu jizbughom huma. Tali mezz ta' identifikazzjoni, il-Qorti tinnota, hija pjuttost fjakka jekk mhux dilettanteska ghall-ahhar, u certament ma tistax titqies bhala prova sufficjenti li l-'jacks' li huma raw kien

attwalment taghhom u mhux ta' l-intimat, kif jikkontendi hu.

Finalment, il-Qorti taghmel referenza ghall-kwistjoni riwgwardanti il-'jigger' li kien xtara l-intimat wara li dak li kien sellfu irrikorrent kien insteraqlu. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, gahlkemm ir-rikorrent ma jghidhiex, kemm it-tfal tieghu, kif ukoll l-intimat u l-impjegat tieghu lkoll jistqarru illi ir-rikrorent kien mar flimkien ma' l-intimat sabiex jixtri l-jigger il-gdid, u ir-rikorrent kien presenti meta inxtara il-jigger li kellu jirrimpjazza dak li kien insteraq. Ghalkemm it-tfal tar-rikorrent jistqarru li l-intimat kellu jixtrilhom wiehed aktar b'sahhtu aktar tard, dana huma biss jafuh ghax qalilhom missierhom, ir-rikorrent, l-istess persuna illi naqas li jghid lill-dina l-Qorti illi huwa kien mar jixtri tali jigger flimkien ma' l-intimat. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi hija kemmxejn inverosimili illi wiehed jaqbel li jinxtralu 'jigger' ta' kwalita' allegatament inferjuri u jehdu bil-kundizzjoni illi sussegwentement jinstralu jigger aktar b'sahhtu u huwa, aktar u aktar, inverosimili, illi l-intimat jixtri 'jigger' lir-rikorrent bl-intiza illi aktar tard, ser jixtrilu wiehed aktar b'sahhtu. Certament, tali assersazzjonijet ma humiex korretti u ma gew ippruvat kif mehtieg, u l-verzjoni mogthija mill-intimat hija certament aktar veritjera minn dik tar-rikorrent.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

**Tilqa'** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat u

**Tichad’** it-talbiet attrici kollha

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------